



C/2024/2010

18.3.2024

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landessozialgericht für das Saarland (il-Ġermanja)  
fl-4 ta' Diċembru 2023 – A vs GKV-Spitzenverband**

**(Kawża C-743/23, GKV-Spitzenverband)**

(C/2024/2010)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Qorti tar-rinviju**

Landessozialgericht für das Saarland

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: A

Konvenut: GKV-Spitzenverband

Parti oħra fil-proċedura: Moguntia Food Group AG

**Domandi preliminari**

- 1) L-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali<sup>(1)</sup> kkunsidrat flimkien mal-Artikolu 14(8) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jstabilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali<sup>(2)</sup>, għandu jiġi interpretat fis-sens li meta jiġi eżaminat jekk parti sostanzjali tal-attività hijiex imwettqa fi Stat Membru, l-attivitàjiet kollha tal-persuna impjegata, inklużi l-attivitàjiet tagħha f'pajjiżi terzi, għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni?
- 2) Jew l-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 883/2004 ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 14(8) tar-Regolament Nru 987/2009 għandu jiġi interpretat fis-sens li meta jiġi eżaminat jekk parti sostanzjali tal-attività hijiex imwettqa fi Stat Membru, huma biss dawk l-attivitàjiet imwettqa mill-persuna impjegata fi Stati Membri li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni?

<sup>(1)</sup> ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72.

<sup>(2)</sup> ĠU 2009, L 284, p. 1.